

TRIBUNAL DE JUSTICIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS  
 SOUDNÍ DVŮR EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ  
 DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS DOMSTOL  
 GERICHTSHOF DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN  
 EUROOPA ÜHENDUSTE KOHUS  
 ΔΙΚΑΣΤΗΡΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ  
 COURT OF JUSTICE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES  
 COUR DE JUSTICE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES  
 CÚIRT BHREITHIÚNAIS NA gCÓMHPHOBAL EURPACH  
 CORTE DI GIUSTIZIA DELLE COMUNITÀ EUROPEE  
 EIROPAS KOPIENU TIESA



EUROPOS BENDRIJU TEISINGUMO TEISMAS

EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK BÍRÓSÁGA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

HOF VAN JUSTITIE VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPE

TRYBUNAŁ SPRAWIEDLIWOŚCI WSPÓŁNOT EUROPEJSK

TRIBUNAL DE JUSTIÇA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS

SÚDNY DVOR EUROPÝSKÝCH SPOLOČENSTIEV

SODIŠĆE EVROPSKIH SKUPNOSTI

EUROOPAN YHTEISÖJEN TUOMIOISTUIN

EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS DOMSTOL

Diviżjoni ta' l-Istampa u l-Informazzjoni

## KOMUNIKAT TA' L-ISTAMPA NRU. 38/04

12 ta' Mejju 2004

\*\*\*

### **GĦAXAR MEMBRI ġODDA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

*Udjenza solenni tat-12 ta' Mejju 2004*

Fl-1 ta' Mejju 2004, il-konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri adottat deċiżjoni dwar il-ħatra ta' l-Imħallfin ta' l-Istati Membri ġodda ta' l-Unjoni Ewropea għall-Qorti tal-Prim'Istanza mill-1 ta' Mejju 2004.

Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri innominaw bħala mħallfin ġodda tal-Qorti tal-Prim'Istanza lil:

- Küllike Jürimäe, ta' nazzjonalită Estonia
- Savvas S. Papasavvas, ta' nazzjonalită Ċiprijotta
- Ottó Czúcz, ta' nazzjonalită Ungerija
- Irena Wiszniewska-Białecka, ta' nazzjonalită Pollakka
- Daniel Šváby, ta' nazzjonalită Slovakka

għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Awwissu 2004;

- Irena Pelikánová, ta' nazzjonalită Ċeka
- Ingrida Labucka, ta' nazzjonalită Latvjana
- Vilena Vadapalas, ta' nazzjonalită Litwana
- Ena Cremona, ta' nazzjonalită Maltja

għall-perjodu mill-1 ta' Mejju 2004 sal-31 ta' Awwissu 2007.<sup>1</sup>

---

<sup>1</sup> L-Imħallef ta' nazzjonalită Slovena għadu ma ġieex maħtut.

Illum, it-12 ta' Mejju 2004, fl-4.30 p.m. inżammet udjenza solenni fil-Grande Salle tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament tad-disa' Membri ġodda tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

## **Curricula vitae ta' l-imħallfin ġodda tal-Qorti tal-Prim'Istanza**

### **Ena Cremona**

imwiedla fl-1936; gradwata (B.A.) fil-lingwi mir-Royal University of Malta (1955); Duttur tal-Liġi (LL.D) mir-Royal University of Malta (1958); avukat Membru ta' l-Avukatura Maltija mill-1959; Konsulent Ġuridiku mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (1964 -1979); membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (1987-1989); membru tal-Kunsill Amministrattiv tal-Lombard Bank (Malta) Ltd., bħala rappreżentanta ta' l-Azzjonijiet tal-Gvern (1987-1993); membru tal-Kummissjoni Elettorali mill-1993; membru tal-bord tat-teżiġiet fil-Fakultà tar-Royal University of Malta; membru tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) (2003-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Ottó Czúcz**

Imwiedla fl-1946; Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Szeged (1971); amministratur mal-Ministeru tax-Xogħol (1971-1974); *lecturer* u professur (1974-1989), dekan tal-Fakultà tal-Liġi (1989-1990), viċi-rettur (1992-1997) ta' l-Università ta' Szeged; avukat; membru tal-Presidium għall-Assigurazzjoni Nazzjonali dwar l-Irtirar; viċi-president ta' l- Istitut Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (1998-2002); membru tal-kunsill tekniku ta' l- Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sigurtà Soċjali; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Irena Wiszniewska-Bialecka**

Imwiedla fl-1947; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Varsavja (1965-1969); Riċerkatur ma' l-Istitut għax-Xjenzi Ġuridiċi, *lecturer*, professur assoċjat, professur fl-Akkademja għax-Xjenzi (1969-2004); riċerkatur fl-Istitut Max Planck tad-dritt internazzjonali dwar il-privattivi industrijali, dwar id-drittijiet ta' l-awtur u d-dritt tal-kompetizzjoni f'Münich (1985-1986); avukat (1992-2000); Imħallef fil-Qorti Suprema Amministrattiva (2001-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Irena Pelikánová**

Imwiedla fl-1949; Duttur tal-Liġi, *lecturer* tad-dritt ekonomiku (qabel l-1989); wara “*docteur ès sciences*”, professur tad-dritt kummerċjali (mill-1993) fil-Fakultà tal-Liġi taċ-Charles University fi Praga; Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà (1999-2002); avukat; membru tal-Kunsill Legislativ tal-Gvern Ċek (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Daniel Šváby**

Imwiedla fl-1951; Duttur tal-Liġi (Università ta' Bratislava); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Bratislava; Imħallef fil-Qorti ta' l-Appell responsabbi għall-każiċċiet ta' dritt ċivili u Viċi-President tal-Qorti ta' l-Appell ta' Bratislava; membru tas-sezzjoni tad-dritt ċivili u tal-familja ma' l-Istitut tad-Dritt tal-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef *ad interim* tal-Qorti Suprema responsabbi għall-każiċċiet ta' dritt kummerċjali; Membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

(Strasbourg); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (2000-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Vilenas Vadapalas**

Imwielded fl-1954; Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Moska; duttur awtorizzat sabiex jgħallek il-liġi, Università ta' Varsavja; professur fl-Università ta' Vilnius: dritt internazzjonali (mill-1981), drittijiet tal-Bniedem (mill-1991) u dritt komunitarju (mill-2000); Direttur Ĝeneralis tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew tal-Gvern; professur tad-dritt ewropew fl-Università ta' Vilnius u inkarigat mill-Jean Monnet Chair; President ta' l-Assoċjazzjoni Litwana għall-Istudji dwar l-Unjoni Ewropea; President tal-grupp ta' xogħol parlamentari għar-riforma kostituzzjonali dwar l-adeżjoni tal-Litwanja; Membru tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi (April 2003); espert anzjan mal-Kunsill ta' l-Ewropa għall-kwistjonijiet dwar il-kompatibilità tad-dritt nazzjonali mal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Küllike Jürimäe**

Imwielda fl-1962; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Tartu (1981-1986); Assistent tal-Prosekuratur Pubbliku tar-Repubblika f'Talinn (1986-1991); gradwata mill-Iskola tad-Diplomazija ta' l-Estonja (1991-1992); konsulent ġuridiku (1991-1993) u Segretarja Eżekuttiva tat-Tribunal ta' l-Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (1992-1993); Imħallef tal-Qorti ta' l-Appell ta' Talinn (1993-2004); Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, Universitajiet ta' Padova u ta' Nottingham (2002-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Ingrida Labucka**

Imwielda fl-1963; gradwata fil-liġi mill-Università tal-Latvja (1986); Investigatur għall-Ministeru ta' l-Intern għar-Reġjun ta' Kirov u tal-Belt ta' Riga (1986-1989); Imħallef fil-Qorti ta' l-Appell ta' Riga (1990-1994); avukat (1994-1998 u Lulju 1999 - Mejju 2000); Ministru tal-Ġustizzja (Novembru 1998 - Lulju 1999 u Mejju 2000 - Ottubru 2002); Membru tal-Qorti Permanenti ta' l-Arbitraġġ ta' The Hague (2001-2004); Membru Parlamentari (2002-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

### **Savvas S. Papasavvas**

Imwielded fl-1969; studji fl-Università ta' Ateni (Ptychion fl-1991); studji Phd fl-Università ta' Pariġi II (DEA fid-dritt pubbliku fl-1992) u fl-Università ta' Aix-Marseille III (Dottorat fil-Liġi fl-1995); ammess fl-Avukatura ta' Ċipru, Membru ta' l-Avukatura ta' Nikożija mill-1993; *Lecturer* fl-Università ta' Ċipru (1997-2002), *Lecturer* tad-dritt kostituzzjonali minn Settembru 2002; Riċerkatur fiċ-Ċentru għad-Dritt Pubbliku Ewropew (2001-2002); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.

*Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tax-xandir, il-Qorti m'għandhiex responsabbilità għall-kontenut*

*Lingwi disponibbli: kollha*

*Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġgbok ikkuntattja lil Christopher Fretwell*

*Tel: (00352) 4303 3355 Fax: 4303 2731*

*Filmati ta' l-udjenza solenni huma disponibbli fuq EBS "Europe by Satellite"  
servizz mogħti mill-Kummissjoni Ewropea,  
Direzzjoni Ġenerali ta' l-Istampa u Komunikazzjoni,  
L-2920 il-Lussemburgu, Tel. (00352) 4301 35177, Fax: (00352) 4301 35249  
jew B-1049 Brussell, Tel: (0032) 2 29 64106, Fax: 2 29 65956*